

3) *Id-Direttiva 93/13 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix ġurisprudenza nazzjonali, bħal dik tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tgħid li l-konseguenza tal-karattru inġust ta' klawżola mhux innegozjata ta' kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur li tiffissa r-rata tal-interessi moratorji tikkonsisti fl-eliminazzjoni totali ta' dawn l-interessi, fejn jibqħu jiddekorru l-interessi ordinarji previsti minn dan il-kuntratt.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 145, 25.04.2016.  
ĠU C 151, 15.05.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-7 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León – Spanja) – Jorge Luis Colino Sigüenza vs Ayuntamiento de Valladolid et**

(Kawża C-472/16) (<sup>1</sup>)

**(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2001/23/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 1 (1) — Trasferimenti ta' impriżi — Salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema — Kuntratt għal servizzi li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' akademja tal-mużika komunal — Waqfien tal-attività tal-ewwel offerent rebbieħ qabel it-tmiem tas-sena skolastika kurrenti u għażla ta' oofferent rebbieħ ġdid fil-bidu tas-sena skolastika segwenti — Artikolu 4(1) — Projbizzjoni ta' tkeċċijiet minħabba trasferiment — Eċċeżżjoni — Tkeċċijiet li jseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fil-persunal — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47)**

(2018/C 352/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Qorti tar-rinvju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Jorge Luis Colino Sigüenza

Konvenuti: Ayuntamiento de Valladolid, In-Pulso Musical SC, Miguel del Real Llorente, Administrador Concursal de Músicos y Escuela SL, Músicos u Escuela SL, Fondo de Garantía Salarial (Fogasa)

### **Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impiegati fil-każza tħalli, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' taqqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-offerent rebbieħ ta' kuntratt ta' servizzi li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' akademja tal-mużika komunal, li għaliex l-administrazzjoni muniċipali kienet ipprovdiet ir-riżorsi materjali kollha neċċesarji għall-eżerċizzju ta' din l-attività, itemm tali attivitajiet xahrejn qabel it-tmiem tas-sena skolastika kurrenti, billi jkeċċi l-persunal, u fejn l-offerent rebbieħ ġidid jaqbad mill-ġidid l-attività fil-bidu tas-sena skolastika segwenti, it-tkeċċija tal-impiegati għandha titqies li seħħet għal “raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta’ l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-kundizzjoni li ċ-ċirkustanzi li wasslu għat-tkeċċija tal-ħaddiema kollha kif ukoll għall-ġħażla tardiva ta' fornitur ġidid ta' servizzi ma jikkostitwixx miżura deliberata intiża li ċċaħħad lill-ħaddiema kkonċernati mid-drittijiet mogħtija lilhom mid-Direttiva 2001/23, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju.
- 2) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fċirkustanzi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-offerent rebbieħ ta' kuntratt ta' servizzi li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' akademja tal-mużika komunal jtemm tali attivitajiet xahrejn qabel it-tmiem tas-sena skolastika kurrenti, billi jkeċċi l-persunal, u fejn l-offerent rebbieħ ġidid jaqbad mill-ġidid l-attività fil-bidu tas-sena skolastika segwenti, it-tkeċċija tal-impiegati għandha titqies li seħħet għal “raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta’ l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-kundizzjoni li ċ-ċirkustanzi li wasslu għat-tkeċċija tal-ħaddiema kollha kif ukoll għall-ġħażla tardiva ta' fornitur ġidid ta' servizzi ma jikkostitwixx miżura deliberata intiża li ċċaħħad lill-ħaddiema kkonċernati mid-drittijiet mogħtija lilhom mid-Direttiva 2001/23, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju.

(<sup>1</sup>) ĠU C 441, 28.11.2016.